# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

MARZU 2020 – Ħarġa Nru: 179




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## STRUTTURA LI TEĦLISNA

Fil-ħajja mgħaġġla tallum, kultant nixxenqu għal ftit żmien ta' kwiet, mhux biss biex nistrieħu imma anke biex nirriflettu. Jidhirli li żmien ir-Randan huwa żmien opportun għal dan. Fl-opinjoni tiegħi, nagħmlu ħazin jekk ir-Randan inħarsu lejh biss mil-lenti ta' tradizzjonijiet!

**Mhux l-obbligi biss**



Billi r-Randan għandu ċerta struttura li kisibha matul is-snin: żmien ta' 40 jum li jibda bit-tqegħid tal-irmied; sawm u caħdiet oħra, eżerċizzi spiritwali, għoti ta' karità, pellegrinaġġi u użanzi oħrajn, jista' jkun li nikkuntentaw ruħna li għax wettaqna l-obbligi, allura għamilna Randan kif suppost ikun!

Dak kollu li nwettqu f'dan iż-żmien, irid iwassalna għal ħaġa waħda – il-*metanoia* (bil-Grieg), jew KONVERŻJONI! Hawn min għandu ideja żblajata ta' din il-kelma! Hawn min jirraġuna li la hu qatt ma qatel jew seraq jew, qatt ma kien infidil lejn il-wegħdiet taż-żwieġ jew, ma jgħixx ħajja mogħtija għall-vizzji jew, ma qalibx il-fidi… allura m'għandux bzonn ta' konverżjoni! U hawn qiegħed l-iżball! Dan, bħal min jiġi jqerr u "ma jkunx jaf" x'se jaqbad iqerr għax ma jkun għamel "xejn kbir"!

**Lista twila**

Il-konverżjoni trid issir fuq dawk il-ħwejjeġ li aħna nqisuhom bħala "żgħar" jekk mhux ukoll, insinifikanti! Iżda huma dawn li jaffettwaw il-ħajja tagħna ta' kuljum. Ħa nsemmi xi wħud minnhom: ir-rabja, is-suppervja, l-egoiżmu, ir-rebgħa, l-ambizzjoni, l-individwaliżmu, in-nuqqas ta' entużjażmu għall-ħajja, in-nuqqas ta' mpenn, in-nuqqas ta' ubbidjenza, il-ħidma bla serħan, in-nuqqas ta' ħin għall-oħrajn, in-nuqqas ta' apprezzament, il-ħela tal-ħin, il-qerq…

Kif naraw, il-lista hija twila. Għalkemm ħadd minna ma jkollu dawn kollha f'daqqa, żgur li għandna diversi minnhom minsuġa f'ħajjitna. Jekk aħna ndunajna, dak li semmejt fil-lista, ma nistgħux insejħulhom "difetti" iżda "attitudnijiet", li rridu naħdmu fuqhom għax inkella jinfluwenzaw il-ħajja kollha tagħna.

**Ma nibqax jien iċ-ċentru**

Kull attitudni żbaljata bilfors li tagħti direzzjoni żbaljata lil ħajjitna! Kull attitudni ċċentrata fuqna nfusna, ittellifna milli nkunu ċċentrati fuq il-Mulej u fuq ħutna.

Tajjeb nifhmu li ċerti attitudnijiet ikunu ġejjin mill-influwenzi li kellna fit-trobbija tagħna, fi tfulitna u f'żogħżitna: minn xi esperjenza iebsa jew trawma li tkun mmarkatna. Tajjeb nammetu li f'xi każi jkollna bżonn nirrikorru għall-għajnuna professjonali. M'għandniex niddejqu minn dan, meta nħossu li l-isforzi tagħna ma jkunux qed iwasslu għall-bidliet mixtieqa!

Ejjew għalhekk, f'dan iż-żmien speċjali li ninsabu fih, nagħmlu użu mill-prattiċi ewlenin li r-Randan joffrilna: it-talb, is-sawm u l-karità. B'dan il-mod, naslu għal konverżjoni sinċiera fl-attitudnijiet tagħna li fil-preżent qed ifixkluna milli ngħixu ħajja aktar libera, aktar matura, aktar qaddisa!

Billi t-triq tista' tidher xi ftit għat-telgħa, nawgura lilkom u anke lili, ir-Randan it-Tajjeb!

***Dun Evan***

# EŻERĊIZZI TAR-RANDAN FIL-PARROĊĊA

***"Isma' binti, ħares, u agħti widen" Salm 44***



**Santwarju:**

- Mit-Tnejn 16 sal-Ġimgħa 20 ta' Marzu, minn P. Karm Spiteri OCD wara l-quddiesa tat-8.30am;

- Mit-Tnejn 30 ta' Marzu sal-Ġimgħa 3 ta' April, minn Fra Miguel Zammit OFM Cap waqt il-quddiesa tas-6.30pm;

**Sant'Andrija**:

- Mit-Tnejn 2 sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu, minn P. Jethro Bajada OFM Cap, fis-7.00pm;

**Santa Marija**:

- Mit-Tlieta 17 sal-Ħamis 19 ta' Marzu, minn Fr Luke Cutajar fil-quddiesa tas-6.00pm;

**Ċentru Nażaret:**

- Mit-Tnejn 2 sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu, minn Fr Stephen Attard wara l-quddiesa tas-6.00pm;

**Sorijiet Dumnikani:**

- Mit-Tnejn 16 sal-Ġimgħa 20 ta' Marzu minn Fr Stephen Attard wara l-quddiesa tas-6.00pm.

# FEJN SE JWASSALNA DAN IR-RANDAN…?!

***Kull sena tqum il-mistoqsija: imma hemm bżonn li kull sena niċċelebraw dan iż-żmien partikulari fil-ħajja tal-Knisja? X'inhu l-iskop li llum niċċaħdu minn ċerti ħwejjeġ? Hemm bżonn li biex niċċelebraw l-Għid, noqgħodu lura minn ħwejjeġ li jogħġbuna?***



Il-Knisja, ta' kull sena tippreżentalna tliet ħwejjeġ li nsibuhom fl-Evanġleju skond San Mattew (Kap.6), u li naqraw nhar l-Erbgħa ta' Rmied:

**IT-TALB:** Biex isir sew dan irid ikun ibbażat fuq il-Kelma t'Alla. Għalhekk għandna d-drawwa sabiħa tal-Eżerċizzi Spiritwali. Fir-Randan, tajjeb li nifftħu widnejna sew għall-Kelma anke permezz tal-Ewkaristija ta' kuljum. Barra mis-smiegħ tal-Kelma, hemm bżonn ukoll ir-riflessjoni. Illum hawn ħafna mezzi għal dan: il-ktejjeb "Kliem il-Ħajja", xi rtir fis-skiet ta' ġurnata jew aktar, tiftix ta' kummentarji fuq il-Kelma tal-ġurnata permezz tal-internet; ir-reċita tal-Via Crucis bid-devozzjoni, il-pellegrinaġġi penitenzjali li jsiru f'dan iż-żmien...

**IS-SAWM**: Kelma oħra għal dan tista' tkun "iċ-ċaħda". Aħna għandna niċċaħdu minn ħwejjeġ "li jogħġbuna" biex niksbu kontroll aħjar fuqna nfusna. Nistgħu niċċaħdu minn ikel, mill-użu kontinwu tal-mobile jew l-internet, mit-tipjip, minn xogħol kontinwu, mid-divertiment… Għalfejn nagħmel dan kollu? Biex mhux il-gosti jew il-ġibdiet tiegħi jirregolawni iżda INKUN JIEN li nirregola lili nnifsi, imdawwal mill-Ispirtu Qaddis. B'hekk, inkun aktar liberu biex naqdi lil Alla u lil ħuti.

**IL-KARITÀ**: Dak li nfaddal miċ-ċaħdiet tiegħi, inkluż il-ħin, inkun nista' noffrih lil min jeħtieġu aktar minni. Il-karità, barra l-għoti ta' flus, nista' nwettaqha bi żjarat lid-djar tal-anzjani, id-Dar tal-Providenza, id-Dar tal-Kleru, bi żjarat lill-familjari tiegħi anzjani jew morda u… tant postijiet oħra fejn insibu t-tbatija. Matul ir-Randan, fil-parroċċi tagħna ssir ukoll il-Ġabra għas-Seminarju. Fil-parroċċa tagħna għandna wkoll il-Kaxxa tal-Ħniena.

*Altru, mela, li r-Randan mhux żmien ta' dwejjaq jew tradizzjonijiet biss! Huwa żmien fejn jien nasal għal konverżjoni sinċiera jew, bidla minnn attitudnijiet iċċentrati fuqi nnifsi għal attitudnijiet ta' servizz lejn l-oħrajn.*

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Rosa Cauchi (87), Anthony Buttigieg (88), Anthony Foca (93), Fredu Gauci (82), Nazzareno Mercieca (76), Mary Grace Psaila (78), Alfreda Said (78), Giovanni Scicluna (83), Francis Sciberras (51), Emanuel Cachia (64), Edward Scerri (85), Anthony Spiteri (71), Paola Meilak (91), John Camilleri (71), Raymond Gialanze (54), Maria Tereza Mallia (87), Victor Lia (86), Grace Attard (63), Ġużeppa Bezzina (87), Maria Carmela Calleja (86), Domenic Degabriele (91), Timoleon Azzopardi (94), Victoria Abela (53), Francis Farrugia (81), Theresa Magro (80), Lawrence Vella (88), Victoria Abela (53), Theresa Barbara (90), Noè Pullicino (79), Carmelo Buhagiar (71), Michael Mizzi (58), Giovanna Ghio (73).

## NILTAQGĦU NHAR … MARZU 2020

**Ħadd 1:** **L-Ewwel Ħadd tar-Randan u Ħadd in-Nies.** Fl-4.15pm pellegrinaġġ penitenzjali Djoċesan u fis-6.00pm Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċisqof.
**Ġimgħa 6:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Fit-8.10am kant tal-Lawdi u wara l-quddies tat-8.30am u tas-6.30pm qima lil Ġesù Msallab.
**Sibt 7:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 8:** **It-Tieni Ħadd tar-Randan**
**Ħadd 15:** **It-Tielet Ħadd tar-Randan**
**Tnejn 16:** Wara l-quddiesa tat-8.30am l-ewwel kors ta' Eżerċizzi għal Kulħadd.
**Ħamis 19:** **Solennità ta' San Ġużepp, Għarus tal-Verġni Marija** – festa pubblika. Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies li jkun bħal nhar ta' xogħol.
**Ħadd 22:** **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan.** Fl-10.00am jibda **t-tieni seminar** għall-ġenituri tat-tfal li se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena. Fil-11.30am jiltaqgħu flimkien ma' wliedhom għall-quddiesa tal-11.30am.
**Erbgħa 25:** **Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej**. Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies.
**Ħadd 29:** **Il-Ħames Ħadd tar-Randan.** Fis-6.30pm **Kunċert** ta' mużika Sagra għall-Ġimgħa Mqaddsa mill-Kor Notre Dame.
**Tnejn 30:** Fil-quddiesa tas-6.30pm it-tieni kors ta' Eżerċizzi għal Kulħadd.
**Tlieta 31:** *Jum il-Ħelsien* – festa pubblika. Il-quddies ikun bħal nhar ta' xogħol.

# INSUMU: mill-indifferenza lejn l-oħrajn!



*Silta mill-messaġġ tal-Q.T. il-Papa Franġisku għar-Randan, 2019*

"L-indifferenza lejn dawk ta' madwarna tippreżenta tentazzjoni rejali għalina l-insara. Kull sena, fi żmien ir-Randan, jeħtieġ nisimgħu għal darb'oħra l-vuċi tal-profeti li tgħajjat u li tqanqal il-qlub tagħna.

Kull meta ħajjitna tispiċċa ddur biss mal-interessi u l-ħtiġiet tagħna, ma jibqax aktar spazju għall-oħrajn – fuq kollox, xejn spazju għall-fqar. Il-leħen t'Alla ma jibqax jinstema' aktar, il-ferħ intern ta' mħabbtu ma jibqax jinħass aktar, ix-xewqa li nwettqu dak li hu tajjeb, tiċċajpar.

B'dan il-mod, nispiċċaw inkapaċi li nħossu kompassjoni għall-karba tal-fqar, li nibku fit-tbatijiet ta' ħutna u li nħossu l-bżonn li ngħinuhom… daqslikieku din hi r-responsabbiltà ta' ħaddieħor u mhux tagħna!

Imma meta aħna nsumu minn din l-indifferenza, inkunu nistgħu nagħmlu festa lill-imħabba. Fil-fatt, ir-Randan huwa ż-żmien perfett biex nitgħallmu nħobbu aħjar".